# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1216/97 AJM

Kawza numru

Joanne Borg illum mart Andrew Ellul

Vs

Michael Mizzi

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta' Mejju 1997 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi fit-3 ta' Gunju 1995 ghat-3.15 p.m. fi triq San Tumas, Tarxien, sehh l-incident awtomobilistiku li fih il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura Range Rover K-4860, saq b'velocita fuq in-naha l-ohra tat-triq bir-rizultat li baqa' diehel fil-vettura T-5871, li kienet qedha ssuq l-attrici; illi ghall-incident imsemmi jahti biss il-konvenut li b'imperizja, bi traskuragini u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna l-incident awtomobilistiku fuq deskritt; illi b'rizultat dirett tal-incident ilmentat l-attrici sofriet griehi u ghadha tbati minn lezjonijiet personali ta' natura permanenti, kif ukoll sofriet danni ohra

konnessi mal-qliegh taghha u spejjes ta' kura li kienet kostretta tiehu hekk kif sejjer ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-attrici sejhet diversi drabi lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni u spejjes sofferti pero' huwa baqa' inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi jahti unikament il-konvenut ghar-ragunijiet imsemmija;
2. tiddikjara li b'rizultat dirett tal-incident imsemmi l-attrici sofriet griehi u lezjonijiet fuq il-persuna taghha ta' natura permanenti, kif ukoll sofriet telf ta' qliegh minn xoghol u spejjes li hija ghamlet b'konnessjoni mal-kura taghha.
3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ghal dan l-iskop;
4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Mejju 1997 u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali, kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-28 ta' April 1998 li permezz taghha eccepixxa illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident mertu tal-kawza ma sehhx tort tal-konvenut izda tort ta' l-attrici stess minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Mejju 1998 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti u anke attendiet fuq il-post tal-incident sabiex jkollha konjizzjoni ahjar tal-lokalita' tal-incident.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din il-kawza titratta dwar incident li sehh fit-3 ta' Gunju 1995 fi Triq San Tumas, Tarxien bejn il-karozza tal-marka Mazda Station Wagon numru T-5871 misjuqa mill-attrici u l-karozza Range Rover numru K-4860 misjuqa mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kien sejrin f'direzzjonijiet opposti billi l-attrici kienet niezla mid-direzzjoni ta' Hal Tarxien lejn il-Fgura filwaqt li l-konvenut kien tiela fid-direzzjoni opposta. Bhala rizultat tal-incident il-vettura misjuqa mill-attrici garrbet hsarat kbar tant hu hekk li giet dikjarata "beyond economical repair", filwaqt li l-istess attrici korriet serjament billi kellha griehi f'wicca u l-irkoppa u kellha tigi rikoverata l-isptar fejn sarula xi punti izda ghadha sal lum tbati minhabba sfregu u konsegwenza tal-"concussion" li sofriet. Il-vettura tal-konvenut

ukoll kellha hsarat konsiderevoli ghalkemm mhux daqstant daqs ta' l-attrici billi ukoll r-Range Rover hija vettura b'sahhitha.

Waqt l-incident jirrizulta li l-attrici kienet wahedha, ghalkemm kienet qed issegwi vettura ohra misjuqa mill-gharus taghha, izda dan kien lahaq mexa 'l quddiem u ma rahax l-incident jsehh. Fil-vettura tal-konvenut kien hemm tlett persuni u cioe l-konvenut, ibnu u persuna ohra li pero' ma xheditx ghax imsiefra.

It-triq fejn sehh l-incident hija pjuttost wisa', infatti l-iskizz jindika wisa' ta' cirka 36 pid. Il-karreggata hija miksija bil-"hot asphalt" biss din mhux qeghedha fid-dritt u sserreb fi forma ta' "S". L-attrici kienet gejja minn liwja fuq ix-xellug taghha filwaqt li l-konvenut kien hiereg minn liwja fuq il-lemin tieghu. L-impatt izda gara fil-parti dritta jew kwazi dritta tat-triq.

Li skizz tal-incident juri l-vetturi kif spiccaw wara l-habta billi dawn jidhru f'nofs il-karreggata b'mod li l-vettura tal-attrici ghandha l-parti ta' quddiem fuq in-naha hazina tat-triq mentri l-parti ta' wara tinsab sewwa fuq sajdha. Il-vettura tal-konvenut tidher bil-parti ta' quddiem fuq in-naha t-tajba tat-triq ghall-konvenut, filwaqt li l-parti ta' wara tar-Range Rover tidher qeghedha "wrong side". Il-hsarat fil-vetturi kienu fuq quddiem billi dik tal-attrici kellha hsara fil-faccata minn nofs lejn il-lemin u dik tal-konvenut kellha hsara fil-pinna tal-lemin ta' quddiem qrib ir-rota tan-naha tad-driver. Fli skizz ma jirrizultawx la brake marks u lanqas 'push' jew 'drag marks'.

Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti tosserva:-

a. Li l-attrici ma setghet tikkontribwixxi bl-ebda mod ghad-deskrizzjoni tad-dinamika tal-incident billi hija tghid li intilfet minn sensiha u ghalhekk ma tiftakar xejn ghajr li tiftakar persuni jipprovaw jifthu l-bieba tal-passiggier tal-vettura taghha biex johorguha.

b. Li l-okkorrenza tal-incident ma titfa ebda dawl fuq dak li gara billi ma hemmx spjegazzjoni ta' kif sehhet il-habta da parti tas-sewwieqa. Dan il-fatt pero', kif sejjer jinghad hawn taht, jista' jkollu relevanza fin-negattiv billi ma jirrizultawx fatti jew asserzjonijiet li wiehed kien jistenna.

c. Illi x-xhieda tal-ufficjal li investiga l-kaz ma titfa ebda dawl fuq l-akkadut u dana lanqas ma kien mistenni billi rrizulta li wara l-akkadut fi proceduri li ttiehdu kontra l-istess ufficjal minhabba dikjarazzjoni falza fl-istess okkorrenza tal-incident, irrizulta li s-surgent Raymond Vella, li kien investiga l-kaz, kien jbati minn *Manic Depressive Psychosis* tant hu hekk li l-psikjatra Dr. Muscat kien irrakomanda li jigi "boarded out".

d. Ix-xhieda tal-kuntestabbli Victor Zammit li allegatament kien qed jassisti lill-ufficjal inkarigat mill-investigazzjoni ma hi xejn kredibbli. Dan ippresenta x-xhieda tieghu b'affidavit fejn saru diversi dikjarazzjonijiet fattwali dwar responsabbilita' da parti tal-konvenut. Izda in kontro ezami dan l-istess xhud innega kwazi kollox u anke ikkontradica lilu nnifsu b'mod li l-Qorti waslet ghall-konvinciment morali li dak li intqal fl-affidavit ma kienetx l-verzjoni tax-xhud izda tal-persuna li rrediga l-istess dokument.

e. Ix-xhud Andrew Ellul, gia l-gharus, llum zewg l-attrici, ma jaf xejn dwar l-incident ghalkemm kien qed isuq quddiemha qabel l-impatt billi lahaq mexa l-quddiem.

f. Ix-xhieda ta’ Andrew Ellul dwar il-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta u minn fejn bdew jghaddu vetturi ohra wara l-incident, hija kontradetta mix-xhieda tal-konvenut u ibnu.

Illi tenut kont ta’ dan kollu din il-Qorti kellha tifli sewwa fost il-provi kontradittorji u dubbjuzi li tresqu quddiemha sabiex tasal ghal konkluzzjoni dwar responsabbilta’ ghall-incident.

Mill-provi jidher li l-attrici ssostni li hija kienet mixja bi speed ta’ cirka 20 m.f.s. fuq in-naha taghha tat-triq. Il-konvenut isostni li huwa ukoll kien mixi cirka bl-istess speed u anke jzomm fuq in-naha tieghu tat-triq. Il-konvenut izda zied jghid zewg affarijiet li donnhom huma intizi biex jitfghu responsabbilita fuq l-attrici. Hu xhed li meta ra l-vettura misjuqa mill-attrici gejja mill-faccata ma setghax jara lis-sewwieq billi dan jew din kellu rasu imnizla taht id-dash board u kien jidher biss ix-xahar tad-driver. F’dan il-konvenut huwa korroborat minn ibnu, li zied jghid li meta l-attrici ittiehdet f’garaxx vicin bdiet tghid li kienet qed “tirranga xi haga fl-istereo meta habtu”. Il-konvenut jkompli jghid li l-vettura tal-attrici filli kienet gejja tajjeb filli f’daqqa wahda gibdet l-barra ghal fuqu u habtet mieghu fil-gemb.

Il-verzjoni tal-konvenut ghandha xehta ta’ kredibilita’ u jekk gara kif xhed l-istess konvenut certament hu ma jistax jkollu tort. Din il-Qorti izda thoss li ma tistax taccetta dak li intqal waqt ix-xhieda mill-konvenut bhala l-verita’ u dana ghar-ragunijiet segwenti:-

a. Il-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut kif muri fl-iskizz tal-habta jindika li l-vettura tieghu qabel l-impatt certament ma kienetx tinsaq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u cioe fuq is-sajd tieghu. Infatti r-Range Rover hija vettura tqila paragunata mal-vettura

tal-attrici. Din il-vettura giet milquta fuq il-kantuniera tal-lemin ta' quddiem u ghalhekk kien mistenni li tigi spustjata, kif fil fatt gara, lejn ix-xellug. Izda il-parti ta' wara zgur li bid-daqqa ma gietx spustjata lejn il-lemin tat-triq u cioe 'wrong side' ghall-konvenut. Issa jirrizulta li l-parti estrema tal-lemin ta' wara tal-vettura tal-konvenut spiccat madwar 23 pid il-barra mill-bankina tan-nahha tax-xellug u ghalhekk tinsab sewwa fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ghal kuntrarju l-parti ta' wara tal-vettura ta' l-attrici tinsab qrib hafna tal-bankina fuq ix-xellug taghha u cioe fuq sajdha. L-ispostament tal-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-attrici lejn ir-"wrong side" kien biss rizultat tal-impatt.

b. Il-konvenut isostni, u f'dan korroborat minn ibnu, li qabel l-impatt is-sewwieq tal-vettura l-ohra kien qed ihares l-isfel u ibnu qal li l-attrici qalet li kienet qed tirranga xi haga fl-istereo. Issa apparti l-fatt li, kif xhedet l-attrici, l-istereo ma kienx jahdem stante li kien minghajr "loud speakers", u ghalhekk wiehed ma jistenniex li jkun qed jinnaviga f'dan l-apparat, din l-allegazzjoni tirrizulta b'mod lampanti nieqsa ghal kollox mill-okkorrenza ta' l-incident. Daqstant tirrizulta nieqsa mill-istess okkorrenza l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici dahret ghal fuqu u b'hekk sehh l-incident. Issa jekk wiehed josserva affarijiet bhal dawn waqt kollizzjoni li, fil-fehma ta' din il-Qorti, setghu kienu determinanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita, certament kien josservahom lill-ufficjal li investiga l-incident u jekk sussegwentement ma jirrizultawx fir-rapport, kienet issir ghal anqas xi osservazzjoni lill-ufficjal li jkun investiga l-kaz jew lis-superjuri tieghu (kif effettivament ghamlet l-attrici dwar id-dikjarazzjoni li tinsab fl-okkorrenza li ma kienetx ser tiehu passi kontra l-konvenut). Izda l-okkorrenza ma turi xejn minn dan u

> lanqas ma l-ufficjal inkarigat ma gie mistoqsi dwar xi allegazzjonijiet simili meta xhed quddiem din il-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilita' ghall-akkadut ghandha tigi determinata mill-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz billi din il-posizzjoni turi bic-car fejn kienu qeghedin jinsaqu l-istess vetturi qabel l-incident. Minn dan l-iskizz jidher bla ebda dubbju li l-attrici kienet fuq in-nahha taghha tat-triq filwaqt li l-konvenut kien 'wrong side' u, kif qal ibnu in kontro ezami, ittanta jevita l-incident billi gibed lejn ix-xellug.

Ikkunsidrat:-

Dwar danni jinghad qabel xejn li dawn huma limitati ghad-danni sofferti mill-attrici bhala rizultat tal-griehi sofferti. Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-attrici mhux mertu ta' din il-kawza billi l-vettura kienet tappartjeni lill-gharus taghha u jidher li l-hsara sofferta minn Andrew Ellul tifforma mertu ta' kawza ohra.

Fit-2 ta' Gunju 1997 l-attrici giet ezaminata, fi vesti privata, minn Mr Carmel Sciberras, kirurgu. Waqt dawn il-proceduri ebda wahda mill-partijiet ma talbet li jinhatar espert mediku u din il-Qorti hija sodisfatta li dak li kiteb Mr Sciberras fir-rapport tieghu fuq imsemmi jirrispekkja fattwalment dak li sehh dak inhar tal-incident u l-posizzjoni illum.

Fir-rapport tieghu tat-2 ta' Gunju 1997 Mr Sciberras jghidilna li huwa kkonstat li l-attrici kienet soffriet minn "mild concussion", li kellha "a deep laceration on the left angle of the mouth" u daqstant fuq ix-xoffa ta'

taht in-naha tax-xellug. Kellha ukoll “laceration on the interior aspect of her right knee” u “contusion to her back”.

Wara li ha in konsiderazzjoni l-ilment ta’ l-attrici u ghamel il-kostatazzjonijiet klinici l-espert ikkonkluda li “Miss Borg, apart from the obvious scar on her face has suffered psychological trauma and from a mild post concussional syndrome. The latter two problems should get better with time.” Finalment jghid “Disability 3%.

Fiz-zmien tal-incident, u donnu jidher anke illum, l-attrici kienet tahdem bhala “shipping clerk” mas-socjeta’ Norasia Agencies. Mill-P3 Form ghas-sena in kwistjoni (Dok AE7 fol 30) jidher li bejn paga u overtime f’dik is-sena l-attrici irceviet is-somma globali ta’ erbat elef sitt mija hamsa u ghoxrin lira (LM4,625). Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li ghax-xahar li hija naqset li tmur ghax-xoghol wara l-incident ma tilfet ebda paga, hlief li tilfet l-“overtime” ta’ erba’ sibtijiet bir-rata ta’ LM8 kull darba. Mix-xhieda ta’ Joseph Chetcuti, l-accountant tas-socjeta’ li timpjega lill-attrici, jirrizulta li tlett snin wara l-incident l-attrici kienet qed taqbad LM4764.50, inkluzi l-overtime billi dan jammonta ghal cirka salarju ta’ xahar iehor.

Fid-data tal-incident l-attrici kien ghad kellha ghoxrin sena billi twieldet fit-3 ta’ Ottubru 1975. Ghalhekk jkun opportun li fil-komputazzjoni tal-kumpens dovut lilha jittiehed multiplier ta’ hamsa u ghoxrin sena. Din il-Qorti izda hija tal-fehma li apparti l-kumpens li jista’ jigi likwidat a bazi tad-dizabilita’ dikjarat minn Mr Sciberras bir-rata ta’ 3 fil-mija, ghandu ukoll jinghata kumpens ghall-isfregju attwali u permanenti li l-attrici soffriet bhala rizultat. Infatti mhux car jekk il-percentagg ta’ dizabilita’ imsemmi mill-espert mediku jirreferi biss ghal “psychological

trauma u mild concussional syndrome" jew jekk dan jinkorporaxx xi dizabilita' kawzata minhabba l-"obvious scar on her face".

Il-kumpens mahdum fuq dizabilita' ta' 3%, tenut kont l-eta' tal-attrici u l-introitu taghha fid-data tal-incident u l-potenzjal ta' awment ta' income, qed jigi likwidat fis-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira (LM3,600). Minn dan l-ammont ghandha titnaqqas somma billi l-ammont ser jithallas f'daqqa, liema somma qed tigi likwidata fl-ammont ta'LM600 b'mod li d-danni rizultanti qed jigu likwidati fis-somma ta' LM3,000.

Kif gja inghad fuq hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-attrici ghandha wkoll tigi kumpensata minhabba l-isfregu f'wicca. Ic-cikatrici ezistenti tidher hafna u tkerrah il-wicc b'mod li mara ta' eta zghira, u anke jekk mhux ta' eta tant zghira, tbati psikologikament minhabba difett fl-apparenza taghha. Dan it-tip ta' kumpens huwa difficli biex jigi likwidat billi huwa f'xi okkazzjonijiet paragunat ghall-danni morali li mhux kontemplati taht il-ligi taghna. Izda jkun xieraq li, u hekk gie dikjarat f'okkazzjonijiet ohra, li l-aggravat ghandu ghal anqas jigi kumpensat b'ammont mehtieg sabiex jsir intervent kirurgiku biex jitnehha l-isfregu. Minn indagini ta' din il-Qorti jirrizulta li dawn l-ispejjes jammontaw cirka ghal LM500 jew LM700, dejjem skond il-komplessita' tal-intervent. Din il-Qorti ghalhekk qed tillikwida s-somma ulterjuri ta' LM700.

Barra minn dan jidher li l-attrici hallset li spejjes ta' l-espert mediku li r-rapport tieghu intuza f'dawn il-proceduri fl-ammont ta' LM45, dan l-ammont ghandu jigi rimborsat lilha. Inoltre tilfet LM32 "overtime" ghax-xahar li ma marritx xoghol. B'kollox ghalhekk id-danni attrici jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tlett elef seba' mija sebgha u sebghin lira maltin (LM3,777).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq imsemmi, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' LM3,777 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri